MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2006

Appell Kriminali Numru. 104/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**A**

Fl-10 ta’ Ġunju 1998 A kien tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli talli:
1. f’Ħaż Żabbar, f’Mejju ta’ l-1998, u fis-seba’ snin ta’ qabel, b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, b’għemil żieni ikkorrompa lil uliedu addottivi, X ta’ tnax-il sena u Y ta’ erbatax-il sena, u dan bi ksur ta’ l-art. 203(1) (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
2. b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, f’Ħaż Żabbar, matul dawn l-aħħar snin, bil-vjolenza ikkommetta stupru fuq il-persuni ta’ X u Y, ta’ erbatax-il u tnax-il sena

rispettivament u dan bi ksur ta' l-art. 198 tal-Kap. 9. tal-Liġijiet ta' Malta; u

3. b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'Mejju ta' l-1998, u fis-seba' snin ta' qabel, ikkommetta diversi attentati vjolenti ghal-pudur fuq il-persuni ta' wliedu X u Y, it-tnejn minorenni, u dan bi ksur ta' l-art. 207 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-29 ta' Diċembru 2000 l-Avukat Ġenerali, wara li ra l-att tal-kompilazzjoni, billi deherlu illi setgħet tisab ħtija jew ħtijiet taħt l-artt. 203(1), (2) u (3) u 207 tal-Kodiċi Kriminali, bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-imputat, kif hemm maħsub fl-art. 370(3)(*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali[1]. Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2001 l-imputat stqarr li ma kellux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja[2].

B'sentenza mogħtija fl-20 ta' Marzu 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lil A ħati ta' l-akkuża ta' korruzzjoni aggravata ta' minorenni taħt l-art. 203(1) (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali, ma qisitx l-akkuża ta' attentat vjolenti fuq il-pudur taħt l-art. 207 tal-Kodiċi Kriminali, u ikkundannatu għall-ogħla piena ta' priġunerija għal sitt snin, u ikkundannatu wkoll biex iħallas spejjeż ta' erba' mija, erbgħa u erbgħin lira (Lm444), taħt l-art. 533 tal-Kodiċi Kriminali. Il-qorti għamlet ukoll din l-osservazzjoni:

Il-qorti tinnota li l-Avukat Ġenerali ma kkwotax l-art. 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta hu bagħat l-artikoli nhar id-29 ta' Diċembru 2000, u *cioè* li r-reat kien wieħed kontinwu, għalkemm jirriżulta li r-reat seħħ fuq medda ta' snin, u għalhekk il-qorti ma setgħetx iżżid il-piena bi grad jew tnejn, f'liema każ il-piena massima setgħet tkun ta' tnax-il sena skond l-artikolu 31(1)(*b*)(iii) ta' l-istess Kap. [9].

Minn din is-sentenza appellaw kemm A kif ukoll l-Avukat Ġenerali.

---

1 *Fol*. 310.
2 *Fol*. 311.

Inqisu l-ewwel l-appell ta' A.

Fir-rikors ta' l-appell tiegħu, ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2006, A talab illi din il-qorti tirriforma s-sentenza billi, waqt illi twettaqha fejn l-ewwel qorti ma qisitx l-akkuża ta' attentat vjolenti fuq il-pudur, tħassarha sejn sabitu ħati ta' korruzzjoni aggravata ta' minorenni, taħt l-art. 203(1) (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk tgħid illi ma huwiex ħati u teħilsu minn kull ħtija. Subordinatament talab illi, jekk din il-qorti twettaq is-sentenza li minnha sar l-appell, tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok iż-żmien ta' priġunerija għal sitt snin tagħti piena li aktar tixraq għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

L-aggravju tiegħu essenzjalment huwa illi s-sejbien ta' ħtija huwa, fid-dawl ta' dak li ħareġ mix-xhieda, "*unsafe and unsatisfactory*" għax, mix-xhieda li kellha quddiemha, l-ewwel qorti ma setgħetx tasal biex issibu ħati ta' dak li bih kien mixli.

Il-fatti, safejn huma relevanti għal dan l-appell, seħħew hekk:

A u martu B adottaw żewġt ibniet mir-Rumanija, il-kbira ta' seba' snin u ż-żgħira ta' ħames snin. Xi seba' snin wara li nġiebu Malta, iż-żgħira fetħet qalbha ma' saċerdot u, għalkemm għall-ewwel dehret li ma kinitx taf x'sejra taqbad tgħid, għax dehret mistħija, fl-aħħar qaltlu illi missierha, *i.e.* A, kien ilu minn meta kienet żgħira "idejjaqha" u "jittantaha"[3]. Is-saċerdot ħeġġiġha biex tkellem lil min seta' jgħinha toħroġ mill-problema li kienet fih, iżda t-tifla għall-ewwel ma riditx. Eventwalment, wara tliet laqqgħat mas-saċerdot, fuq parir tiegħu kellmet lil *guidance teacher* u din laqqgħetha ma' *social worker*.

Is-*social worker*, Wayne Caruana, kellem liż-żgħira u din qaltlu illi ftit wara li nġiebet Malta A kien "għall-ewwel beda jbagħbas imbagħad beda jagħmel is-sess magħha"[4]. Imbagħad kellem ukoll lill-kbira u din, għalkemm għall-ewwel stħat, eventwalment qaltlu illi A kien abbuża minnha wkoll:

*At that stage Y  had said that her father had tried something but she had refused. She did not tell me everything as she was obviously embarrassed and she*

[3] Ara x-xhieda ta' Dun Joe Grech fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2000, *fol*. 245.
[4] Ara x-xhieda ta' Wayna Caruana fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 1998, *fol*. 103.

*was too shy to tell me about it. I asked her if she wanted me to do something due to the fact that he had tried. She said, "no; I will take care of everything myself."*

*Then I left some time and, a few days later, the principal called me and told me that she had disclosed more. So I went back and spoke to her again. At this stage she told me that not only had he touched her, but he had also had sex with her.*[5]

Is-*social worker* għalhekk ħa l-passi biex it-tfal jitneħħew mid-dar ta' A, u mbagħad kellem lil A u lil martu flimkien.

Għalkemm A għall-ewwel ċaħad kollox, meta s-*social worker* kellmu waħdu, mhux quddiem martu, beda bil-mod il-mod jammetti illi tassew kien mess lit-tfal. Dwar dak li qallu A, is-*social worker* xehed hekk:

*Slowly, slowly he began to disclose more and more. He began to admit to more and more of the abuse. For example, he would say, "*Iva, missejthom*", and he said "*Imma huma ġew ħdejja; huma qabżu fuqi; huma ġew ibusuni fis-sodda*".*

*And I asked him when he started touching them and he said not long after they arrived. Then I asked him about the sexual intercourse, and he denied it but eventually he admitted. He admitted at least to two occasions of penile penetration with the two girls.*[6]

Kienu mgħarrfa wkoll il-pulizija, u arrestaw lil A. Dak il-ħin l-Ispettriċi Sharon Tanti, li għamlet l-arrest, kellmet ukoll lil B. Fi kliem l-Ispettriċi Tanti, id-diskors ma' B mexa hekk:

Minħabba li t-tifla X, il-kbira, kienet qaltli li ommha kienet taf b'dan l-abbuż, fil-ħin li kien arrestat A jien tkellimt ukoll mas-Sinjura B… … …

Jien fakkartha jekk tiftakarx f'inċident li kienet semmietli t-tifla ta' meta kien waqfilha l-*period* u li missierha A kien talab lil B iġġibilha tabib. L-unika ħaġa ta' relevanza li qalet lili A għall-investigazzjoni tiegħi kienet li, iva, li żewġha kien qalilha biex iġġib it-tabib lit-tifla għax ma ġihiex il-*period* u qed jibża' li hi tqila. Huwa qalilha li qed jibża' li hi tqilha għax kien iċċajta magħha fil-kamra tal-banju u qed jibża' li ħariġha tqila huwa stess.

---

5 *Ibid. fol.* 104.

6 *Ibid. fol.* 107.

Jien lil Mrs B għidtilha, "inti taf x'qed tgħidli? Taf kif tista' toħroġ tqila din it-tifla?", u hi qaltli "u żgur li naf." Għidtilha "allura ma bdejtx tifhem xi ħaġa inti?" Hija qaltli, "Jien la ma narax b'għajnejja ma nemminx."[7]

Imbagħad inbdew il-proċeduri tallum.

Fix-xhieda tagħhom A u B ċaħdu kollox. It-tfal qalu illi A kien jabbuża minnhom sa minn meta nġiebu Malta sakemm kixfet kollox iż-żgħira. Qalu li l-abbuż kien iseħħ tista' tgħid kuljum, u missierhom kien mhux biss imisshom fil-partijiet privati tagħhom iżda wkoll li kien ikun hemm penetrazzjoni, għalkemm kien juża *condom*.

Fost xhieda oħra xehdet it-Tabiba Ġinekologa Carmen Portelli li, wara li eżaminat lit-tfal, qalet illi għalkemm fil-partijiet ġenitali tagħhom kien hemm sinjali ta' tbagħbis, x'aktarx bis-swaba', it-tnejn kienu għadhom verġni[8].

Fis-sentenza li minnha qiegħed isir l-appell, l-ewwel qorti, qabel ma waslet għall-konklużjoni tagħha dwar jekk kellhiex temmen lit-tfal, li xehdu li kien hemm abbuż minn missierhom, jew temminx lil A, korroborat minn martu, li ċaħad kollox, għamlet din l-osservazzjoni:

Din il-qorti hija f'pożizzjoni vantaġġjuża għal qrati oħra meta tiġi biex tagħmel apprezzament tax-xhieda, u dan għaliex hija għexet ħafna mill-proċess tul medda ta' żmien u ħadet iż-żmien tagħha sabiex tiġbor u tisma' *viva voce* ċerti provi u għalhekk ikkontrollat il-kredibbiltà u veraċità tax-xhieda prodotti quddiemha. Din il-qorti għalhekk għamlet l-eżami tagħha tax-xhieda *ai termini* ta' l-art. 657 tal-Kap. 9 billi evalwat l-imġieba u l-karattru ta' kull xhud li semgħet hi u għamlet apprezzament tagħhom għall-mod ta' kif ix-xhieda wieġbu għad-domandi li sarulhom quddiemha, għal kull interess li seta' kellhom ix-xhieda, u b'hekk użat il-kriterji kollha li l-liġi tagħtina sabiex kienet f'pożizzjoni li tikkontrolla l-kredibbiltà tax-xhieda; u hu appuntu minħabba li l-qorti hija rinfaċċjata b'verżjonijiet kunfliġġenti tal-fatti li kellha tagħmel dan l-apprezzament tax-xhieda u tal-provi kollha mressqa sabiex tara liema verżjoni sejra taċċetta, u hu biss wara li għamlet dan l-eżerċizzju li għandha tara jekk jibqgħux id-dubbji raġonevoli fiha jew le.

---

[7] Ara x-xhieda ta' l-Ispettriċi Sharon Tanti fis-seduta tas-6 ta' Lulju 1998, *foll.* 133 *et seq.*

[8] *Foll.* 210 *et seq.*

Wara li għamlet dan l-eżerċizzju, l-ewwel qorti kienet tal-fehma illi kellha toqgħod fuq ix-xhieda tat-tfal; għalhekk sabet lil A ħati ta' l-akkuża ta' korruzzjoni ta' tfal taħt l-età, b'ċirkostanzi aggravanti, taħt l-art. 203(1) (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali, u tatu l-ogħla piena li taħseb għaliha l-liġi. Fir-rikors ta' l-appell tiegħu A qiegħed igħid illi x-xhieda li bis-saħħa tagħha l-ewwel qorti sabitu ħati ma hijiex xhieda li tista' toqgħod fuqha. Igħid illi t-tfal gidbu meta xehdu kontrieh u, kemm fir-rikors ta' l-appell u fit-trattazzjoni orali quddiem din il-qorti kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet li kien għamel quddiem l-ewwel qorti, fisser li hemm inkonsistenzi fix-xhieda tat-tfal illi turi illi dik ix-xhieda ma hijiex ta' min joqgħod fuqha.

L-argument ewlieni ta' A huwa mibni fuq dak li hu jara bħala konflitt bejn dak li qalu t-tfal u dak li ħareġ mix-xhieda medika. Rajna illi, għalkemm it-tfal xehdu illi l-abbuż kien jieħu l-forma wkoll ta' penetrazzjoni tal-parti ġenitali tagħhom minn dik ta' A, it-tabiba ġinekologa li eżaminat lit-tfal sabet illi kienu t-tnejn verġni.

Din il-qorti iżda taqbel ma' l-ewwel qorti illi dan il-fatt ma huwiex prova illi t-tfal kienu qegħdin jigdbu. Barra minn dak li qalet l-ewwel qorti – illi "*many sexual offences against children leave no medical signs … … … even the more serious abuse, involving penetration of the vagina or the anus will sometimes leave no signs, either because so little physical damage was done or because what there was had been healed before the medical examination*"[9] – ma rridux ninsew illi meta seħħew il-fatti, u wkoll meta xehdu, it-tfal kienu għadhom żgħar u ma kellhomx l-esperjenza biex jagħarfu d-differenza bejn penetrazzjoni sħiħa u anqas sħiħa. Għalhekk il-fatt illi xehdu illi kien hemm penetrazzjoni meta l-penetrazzjoni setgħet ma kinitx sħiħa ma jfissirx li bilfors kienu qegħdin jigdbu. Li hu żgur hu illi x-xhieda tat-tabiba ġinekologa turi illi sinjali ta' xi forma ta' tbagħbis kien hemm.

F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li xehed A stess fis-seduta tat-18 ta' Frar 2004 meta qal illi għal xi żmien kellu problema ta' saħħa li laqatlu wkoll il-funzjoni sesswali

9 *The Evidence of Children*, J.R. Spencer *et al., Blackstone Press, 1993,* p. 237.

tiegħu[10], għax din tista' tkun raġuni għala ma kienx hemm penetrazzjoni sħiħa.

Għal dawn ir-raġunijiet ix-xhieda medika, għalkemm, weħedha, ma hijiex prova konkluživa kontra A, fl-istess ħin ma hijiex prova kif jippretendi hu illi t-tfal kienu qegħdin jigdbu.

Biex isaħħaħ l-argument tiegħu illi t-tfal gidbu dwaru, A jgħid ukoll illi t-tfal gidbu biex "ipattuhielu" talli kien strett wisq magħhom u kien iċaħħadhom mil-libertà li xtaqu bħala adolexxenti.

Jidher, fil-fatt, illi t-tifla l-kbira kellha ħbiberija li, fil-fehma ta' A u ta' martu, kienet żejda ma' wieħed għalliem tagħhom li kellu xi tletin sena. Kienu jmorru għandu għal lezzjonijiet privati u kienu jqattgħu sigħat sħaħ għandu, saħansitra joqogħdu fuq ħoġru u jistrieħu fuq is-sodda tiegħu. Il-kbira kienet miġbuda lejh u kienet tifforma fantasiji dwaru bħallikieku kien l-għarus tagħha, u kienet ukoll tiktiblu ittri ta' mħabba, għalkemm tgħid illi kienet iżżommhom għaliha u mhux tibgħathomlu. F'waħda minn dawn l-ittri tgħidlu, "Inti jaqaw minn dawk il-ġuvintur jew irġiel li l-ewwel ħafna kummiedji mbagħad meta tkunu ħadtu dak li ridtu minn bniedma toqgħod u daqshekk, qisek qatt ma kont taf dik il-persuna li kont taf qabel?"[11]

A jgħid illi meta hu u martu raw din il-ħbiberija żejda ma baqgħux iħallu lit-tfal imorru għand dan l-għalliem u, biex ipattuhielu ta' dan, it-tfal ħolqu l-istorja kollha kontra tiegħu. Qal ukoll illi meta t-tifla l-kbira kitbet illi l-għalliem "ħa dak li ried minnha" riedet tgħid illi kellu relazzjonijiet intimi magħha u illi s-sinjali ta' tbagħbis illi sabet it-tabiba ġinekologa setgħu saru minn dan l-għalliem.

Fil-fehma tal-qorti din l-istorja tat-tpattija hija mġebbda. Ma ninsewx illi ma kinitx it-tifla l-kbira iżda ż-żgħira li kienet l-ewwel li kixfet kollox ma' saċerdot. Li kieku riedet tagħmel att ta' vendikazzjoni ma kinitx tmur għand saċerdot iżda għand min seta' jmexxi kontra missierha. Kull ma riedet kien li tiftaħ qalbha għax ma setgħetx iġġorr weħedha l-piż tas-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha; kien is-saċerdot illi ħeġġiġha biex ma tiqafx hemm u għena biex issib lil min seta' jmexxi fuq il-każ tagħha.

---

[10] *Fol*. 353.
[11] *Fol*. 23.

It-tifla l-kbira wkoll, li suppost kellha raġuni akbar biex tpattiha lil missierha, għax kienet hi li kellha dik il-ġibda lejn l-għalliem li missierha ma ħallihiex tarah aktar, ma ħaditx l-inizjattiva, u kien biss meta bagħat għaliha s-*social worker* li qalet xi ħaġa. Għall-ewwel żammet lura, tant illi s-*social worker* qal illi, meta staqsieha riditux jagħmel xi ħaġa, hi wieġbet *"no; I will take care of everything myself"*, u kien biss xi żmien wara li waslet biex qaltlu l-istorja kollha.
Din ma hijiex imġieba ta' min ivvinta storja biex jagħmel vendikazzjoni, u tkun tiġbida forzata wisq illi tgħid illi din ir-reticenza kienet xi strataġemma maħsub minn żewġt itfal biex jagħmlu l-istorja tagħhom aktar kredibbli.
Dwar l-allegazzjoni ta' A illi t-tifla l-kbira kellha relazzjonijiet intimi mhux miegħu iżda mal-għalliem, barra mill-fatt illi dan ma jispjegax is-sinjali ta' abbuż fuq iż-żgħira wkoll, ix-xhieda medika li t-tfal baqgħu verġni aktar hija kompatibbli ma' relazzjoni ma' bniedem ta' 'l fuq minn ħamsin sena li, bħal A, minħabba problemi ta' saħħa, kellu problema fil-funzjoni ta' erezzjoni milli ma' bniedem li, għax kellu biss tletin sena, x'aktarx li kien aktar vigoruż.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti xejn ma hija konvinta bl-istorja ta' "tpattija" bħala raġuni biex twaqqa' x-xhieda tat-tfal.
A jsemmi wkoll episodji ta' inkonsistenzi u kontradizzjonijiet fix-xhieda tat-tfal, l-aktar dwar il-ħin meta u l-post fid-dar fejn kien isir l-abbuż, u fejn kienet tkun martu f'dak il-ħin.
Meta tqis illi l-abbuż seħħ fuq medda ta' seba' snin, tifhem illi ma kienx iseħħ dejjem fl-istess ħin u fl-istess post, bħallikieku bl-appuntament, u għalhekk ma hemmx kontradizzjoni jekk it-tfal isemmu ħinijiet u postijiet differenti. Ma rridux ninsew illi, jekk tassew għaddew minn dan it-trawma ripetut meta kienu ta' età tenera, ma tkunx xi ħaġa kbira jekk it-tfal fixklu xi episodji. Żid ma' dan it-trawma u l-mistħija li jkollhom jixhdu dwar ħwejjeġ hekk intimi quddiem nies li ma jafuhomx, u ma tistagħġibx jekk ikun hemm xi diskrepanzi, li, wara kollox, aktar milli prova ta' gideb huma x'aktarx sinjal illi x-xhieda tat-tfal ma kinitx orkestrata.
Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti, bħall-ewwel qorti, hija tal-fehma illi għandha toqgħod fuq ix-xhieda tat-tfal, aktar

u aktar meta tqis illi din ix-xhieda hija msaħħa b'episodji li dwarhom xehdu s-*social worker* u l-Ispettriċi Sharon Tanti, mhux fejn dawn tennew dak li qalulhom it-tfal iżda fejn dawn xehdu dwar kliem li ntqalu lilhom minn A u minn martu.

Rajna illi s-*social worker* Wayne Caruana xehed illi A kien eventwalment stqarr miegħu illi kien bagħbas lit-tfal u li kellu relazzjonijiet sesswali magħhom. Tassew illi din hija xhieda ta' x'qal A lis-*social worker* u mhux ta' x'għamel mat-tfal, iżda x'raġuni kellu A li jgħid dak il-kliem li bih stqarr li għamel ħwejjeġ hekk gravi jekk tassew ma kien għamel xejn minn dan kollu?

Fir-rikors ta' l-appell tiegħu A jfittex li jwaqqa' x-xhieda tas-*social worker* billi jgħid hekk:

Ta' min wieħed ifakkar ukoll illi dan Wayne Caruana tant kellu interess fil-każ *de quo* li kien addirittura joqgħod jieħu l-isbriga sabiex jitla' l-qorti meta kienu ser jixhdu Y u X u joqgħod igħidilhom, barra l-awla tal-qorti, kif għandhom jixhdu u ma jixhdux. Kellha tkun id-difiża ta' l-esponent li tinnota x'kien qiegħed jiġri barra l-awla, u ġġib dan a konjizzjoni tal-qorti. … … … *Inoltre*, meta d-difiża ta' l-esponent xtaqet terġa' ssejjaħlu quddiem il-qorti biex tistaqsih xi domandi in konnessjoni ma' informazzjoni pjuttost interessanti li kellha, l-istess difiża ġiet informata li dan Wayne Caruana kien iddeċieda li jemigra lejn l-Awstralja.

L-episodju ta' barra l-awla tal-qorti kien illi Caruana wera xi dokument lit-tfal u qralhom minnu. Dan id-dokument ġie esebit[12]; huwa dokument uffiċjali, *request for interim care order*, indirizzat lill-ministru b'rakkont tal-fatti li wasslu biex jinħareġ, u mhux prova ta' xi konfoffa kontra A bejn Caruana u t-tfal.

Jekk is-*social worker* ħa interess li jsegwi l-każ u jakkompanja lit-tfal – li dak iż-żmien kellhom biss erbatax-il sena u tnax-il sena – meta jmorru l-qorti biex jixhdu dwar episodji trawmatizzanti kien qiegħed biss jagħmel dmiru, biex jagħtihom l-appoġġ tiegħu meta jkunu f'ambjent li għalihom x'aktarx kien ta' intimidazzjoni. Ma nġiebet ebda prova li kellu xi "interess" ieħor barra minn dan.

---

12 *Fol*. 26.

L-"informazzjoni pjuttost interessanti", li dwarha A ried jagħmel mistoqsijiet lil Caruana, imkien ma jgħid x'inhi iżda billi jixħet il-frażi fl-atti donnu jrid jissuġġerixxi bla ma jgħid hekk espressament illi Caruana "ħarab" lejn l-Awstralja, bħallikieku kellu xi faħam miblul. Mhux biss ma hemm ebda prova ta' dan iżda A milli jidher nesa dak li kien qal qabel, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-ewwel qorti, illi s-*social worker*, flimkien mas-saċerdot li miegħu kienet fetħet qalbha t-tifla ż-żgħira u l-*guidance teacher*, "huma indubbjament nies retti ta' l-affari tagħhom li sempliċement għamlu xogħolhom fiċ-ċirkostanzi"[13].

Dwar ix-xhieda ta' l-Ispettriċi Tanti, li xehdet illi B qaltilha illi żewġha kien qal illi beża' li lit-tifla l-kbira ħariġha tqila għax "iċċajta" magħha fil-kamra tal-banju, A jgħid biss illi martu tiċħad li qalet dak il-kliem lill-ispettriċi. Hemm biss il-kelma ta' B, li għandha interess tgħatti lil żewġha, u dik ta' l-Ispettriċi Tanti, li ma għandha ebda interess personali fil-każ. Din il-qorti, bħall-ewwel qorti, temmen lill-ispettriċi. Naturalment, ix-xhieda ta' l-ispettriċi tagħmel biss prova illi B qalet dak il-kliem; ma hijiex prova la li A tassew qal lil martu li "iċċajta" mat-tifla u lanqas li fil-fatt "iċċajta". Madankollu, il-fatt li B qalet dak il-kliem lill-ispettriċi huwa relevanti għax huwa indikattiv ta' dak li kienet taf.

Dwar dan l-episodju tal-biża' tat-tqala, A jgħid illi ma hux minnu illi hu u martu bagħtu għat-tabib għax beżgħu li t-tifla kienet tqila. Igħidu illi bagħtu għat-tabib għax it-tifla kellha uġigħ ta' żaqq, u igħidu illi t-tabib isaħħaħ dak li jgħidu huma għax it-tabib xehed illi l-eżami għat-tqala għamlu fuq inizjattiva tiegħu u mhux għax xi ħadd talbu jagħmlu.

Fil-fehma ta' din il-qorti, iżda, ma tagħmilx wisq differenza jekk A lit-tabib qalulux kollox jew ħallewx jasal waħdu għall-konklużjoni. Kien x'kien l-episodju tat-tabib, illi A kellhom il-biża' tat-tqala għax A "iċċajta" mat-tifla ma hemmx dubju, fid-dawl ta' dak li B qalet lill-Ispettriċi Sharon Tanti.

Argument ieħor ta' A hu illi ma jistax ikun illi l-abbuż dam sejjer seba' snin sħaħ, f'dar żgħira, u martu u missieru, li kien joqgħod magħhom, ma ntebħux.

---

13 *Fol*. 483.

Dwar id-daqs tad-dar u l-possibbiltà li fiha jsiru ħwejjeġ bil-moħbi, l-ewwel qorti, li għamlet aċċess u rat l-ambjenti fejn seħħ dan il-każ, qalet hekk:

… … … il-qorti ma taqbilx mad-difiża li minħabba ċ-ċokon u l-istil tad-dar li hija, l-imputat ma setax jagħmel dak li ġie akkużat bih, *molto più* meta tqis dak li qalet martu fl-investigazzjoni lis-*social worker*, li effettivament jindika li kienet tgħatti kollox lil żewġha.

Rajna li B kienet lesta li lil żewġa tgħattilu – kienet taf x'tip ta' "ċajt" hu li jista' jwassal għal biża' ta' tqala u xorta ma għamlet xejn – u l-missier ma tressaqx biex jixhed għax laħaq miet.

Hemm ukoll ix-xhieda ta' l-esperti psikjatriċi u psikoloġiċi. Fil-konklużjoni tar-rapport tiegħu, l-espert psikjatra jgħid hekk:

Mill-eżami psikoloġiku u psikjatriku ta' A ma hemmx evidenza ċara li huwa biż-żgur seta' abbuża mit-tfal (dak iż-żmien minuri) Y u X.  Wieħed però jrid jikkunsidra li hemm traċċi skizoidi u dipendenti li skond ir-riċerka indikata fir-rapport tal-psikologa jistgħu jkunu indikattivi imma mhux konklużivi li seta' abbuża sesswalment mill-minuri.[14]

Fir-rikors ta' l-appell tiegħu A josserva illi:

Naturalment, fil-kamp penali, il-grad tal-possibbli – *cioè* dak li *jista'* jkun li hu jew li ġara – ma għandu ebda valur. Jekk skond Dr Cassar l-esponent <u>seta'</u> abbuża mit-tfal, daqstant ieħor seta' ma abbużax.

Dan huwa minnu;  iżda huwa minnu wkoll illi eżami ta' profil psikoloġiku waħdu ftit li xejn jista' qatt iwassal għal ċertezza dwar ħtija;  jista' biss jasal biex juri jekk ċerta mġieba hijiex kompatibbli ma' ċerta personalità u karattru. Ma huwiex fih innifsu element ta' prova konklużiva iżda biss għajnuna fl-eżami ta' provi oħra.  Fil-każ tallum seta' jservi biss biex juri illi dak illi ntwera b'mod konklużiv minn xhieda oħra, *viz.* illi A abbuża mit-tfal, ma huwiex inkompatibbli – anzi huwa kompatibbli sew – ma' elementi tal-personalità tiegħu.

Fl-aħħarnett għandu jingħad illi f'każ bħal dan, fejn hemm xhieda li qegħdin jgħidu li seħħew xi fatti, u xhieda oħrajn li jiċħdu li seħħew dawk il-fatti, u għalhekk ħafna

[14] *Fol.* 410.

jiddependi fuq min mix-xhieda għandu jitwemmen u kemm, ma tistax ma tingħatx importanza lill-osservazjoni li għamlet l-ewwel qorti meta qalet illi, biex waslet għall-konklużjonijiet tagħha, qieset sew l-imġieba tax-xhieda waqt li kienu qegħdin jixhdu *viva voce* quddiemha. Meta tqis ukoll illi x-xhieda tat-tfal hija korroborata, kif rajna, minn episodji li dwarhom xehdu s-*social worker* u l-ispettriċi tal-pulizija, din il-qorti ma ssib ebda raġuni tajba għala ma għandhiex taqbel ma' l-ewwel qorti u, bħalha, hija tal-fehma illi A huwa ħati ta' l-akkuża ta' korruzzjoni aggravata ta' tfal taħt l-età, taħt l-art. 203(1) (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali.

Ma huwiex kontestat lanqas minn A illi l-fatti – jekk issir, kif saret, il-prova tagħhom – jagħmlu lil min għamilhom ħati taħt dak l-artikolu.

Din il-qorti, għal dawn ir-raġunijiet kollha, wara li qieset sew ix-xhieda kollha, bħall-ewwel qorti hija tal-fehma illi għandha temmen ix-xhieda tal-vittmi, u ma fadlilha ebda dubju raġonevoli illi A tassew għamel dak li qalu li għamel it-tfal adottati minnu. L-appell tiegħu dwar ħtija huwa għalhekk miċħud.

Ngħaddu issa biex inqisu l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.

L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali kif imfisser fir-rikors ta' l-appell tiegħu huwa illi l-ewwel qorti għamlet ħażin meta, għax l-Avukat Ġenerali ma semmiex l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali meta bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddeċidiet illi ma setgħetx tqis ir-reat bħala wieħed kontinwat. Għalhekk talab illi din il-qorti tirriforma s-sentenza fil-parti fejn infliġġiet piena, u minflok il-piena ta' sitt snin priġunerija timponi piena ta' tnax-il sena priġunerija.

Qabel ma nidħlu fil-meritu ta' dan l-appell irridu nqisu żewġ eċċezzjonijiet ta' nullità tar-rikors ta' l-appell imressqa minn A, li ġew verbalizzati hekk fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2006 quddiem din il-qorti:

L-Avukat Michael Sciriha għall-appellat jeċċepixxi n-nullità tar-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, u dana għas-segwenti raġunijiet:

1. ir-rikors imsemmi ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi kif enunċjati fl-artikolu 419(1)(*a*) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. it-talbiet ta’ l-Avukat Ġenerali mhux biss ma jsibux konfort fil-liġi iżda huma irriti u nulli *stante* li tali talbiet jeċċedu l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, u dana bi ksur ta’ l-art. 370 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

L-ewwel eċċezzjoni tgħid illi fir-rikors ta’ l-appell ma hemmx dak illi jrid l-art. 419(1)(*a*) tal-Kodiċi Kriminali:

**419.** (1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, taħt piena ta’ nullità -

(*a*) il-fatti fil-qosor;

Fir-rikors ta’ l-appell hemm din l-istqarrija tal-fatti:

Illi l-fatti *in breve* kienu li A f’Ħaż Żabbar f’Mejju 1998 u snin qabel kien jikkorrompi lil uliedu adottivi billi jagħmel atti oxxeni fil-konfront tal-minuri Y u X. Illi b’dan il-mod hu kien jabbuża mill-awtorità tiegħu u approfitta ruħu minn dawn it-tfal adottati mir-Rumanija diversi drabi.

Meta l-liġi tgħid illi r-rikors ta’ l-appell għandu jkun fih il-fatti fil-qosor ma riditx toħloq xi ħtieġa formali biex fir-rikors jitniżżlu ħwejjeġ irrelevanti għall-għanijiet ta’ l-appell, jew li l-fatti jitniżżlu b’mod li ma jibqax aktar meħtieġ għal min ikun qara r-rikors li jara wkoll l-atti l-oħra tal-proċess; riedet illi jitniżżlu “fil-qosor” il-fatti relevanti għall-appell u meħtieġa biex ir-rikors jiftehem.

Fir-rikors tallum hemm b’mod oġġettiv u konċiż iżda sħiħ il-fatti relevanti, u għalhekk ir-rikors iħares dak li trid il-liġi fl-art. 419(1)(*a*) tal-Kodiċi Kriminali.

L-ewwel eċċezzjoni ta’ nullità hija għalhekk miċħuda.

It-tieni eċċezzjoni tgħid illi, jekk il-piena togħla bi grad jew tnejn b’applikazzjoni ta’ l-art 18 tal-Kodiċi Kriminal, kif irid l-Avukat Ġenerali, l-ogħla piena tkun ta’ tnax-il sena, li hija ’l barra mill-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali taħt l-art. 370 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-partijiet relevanti ta’ l-art 370 igħidu hekk:

**370.** (1) Huma ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati -

(*a*) … … …;

(*b*) id-delitti msemmijin f’dan il-Kodiċi meta jaqgħu taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur biż-żieda jew mingħajrha tal-multa jew ta’ l-interdizzjoni;

(*ċ*) … … …

(2) Ir-reati msemmijin fis-subartikolu (1) jibqgħu ta' kompetenza tal-qorti fuq imsemmija għad illi, minħabba l-konkors ta' reati u ta' pieni, minħabba r-reċidiva jew minħabba l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 18, ikun hemm lok li tingħata piena akbar minn dawk imsemmijin f'dak is-subartikolu.

(3) (*a*) B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(*b*), l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna.

… … … *omissis* … … …

(5) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għad-delitti msemmijin fis-subartikoli (3) u (4).

Huwa biss minħabba d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 18 illi l-piena tista' tkun akbar minn għaxar snin priġunerija, u għaldaqstant, bis-saħħa ta' l-art. 370(2) u (5), jibqgħu ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Jidher ċar għalhekk illi l-eċċezzjoni hija manifestament infondata, u hija miċħuda.

Eċċezzjonijiet bħal din iservu biss biex joħolqu dubju dwar il-*bona fides* ta' min iressaqhom.

Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.

Rajna illi lill-ewwel qorti dehrilha illi ma setgħetx tapplika l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali dwar reat kontinwat għax, meta l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat quddiemha biex jiġi ġudikat, ma semmiex l-art. 18, u l-qorti ma tistax issib ħtija ħlief fuq l-artikoli msemmija fin-nota tad-29 ta' Diċembru 2000 li biha l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat quddiemha kif igħid l-art. 370(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Huwa minnu illi din il-qorti, f'sentenza mogħtija fid-9 ta' Ġunju 1998 *in re* Il-Pulizija *versus* Enrico Petroni *et*, kienet qalet hekk:

… … … għalkemm l-imputazzjoni oriġinali miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kienet tipotizza r-reat ta' approprjazzjoni indebita fil-forma kontinwata (artikolu 18, Kap. 9) … … …, fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali hemm ċitati biss, a rigward ta' din l-imputazzjoni, l-artikoli 293 u 294. L-ewwel qorti,

għalhekk, ma setgħetx tmur *oltre* dawn l-artikoli u ssib ħtija fil-forma kontinwata … … …

Madankollu, din il-qorti taqbel ma' l-Avukat Ġenerali illi l-art. 18 ma huwiex artikolu li joħloq ħtija iżda huwa artikolu li jaħdem favur il-ħati meta l-qorti flok ħtija taħt artikolu msemmi fin-nota ssib "ħtijiet", kif fil-fatt tgħid l-istess nota tad-29 ta' Diċembru 2000: "billi [lill-Avukat Ġenerali] jidhirlu illi mill-kompilazzjoni … … … tista' tinsab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fl-artikoli 203 … … …"

Sewwa jgħid l-Avukat Ġenerali fir-rikors ta' l-appell tiegħu:

Illi jekk dak ir-reat isir diversi drabi allura l-qorti trid tagħti dik il-piena tar-reat kull darba. Illi l-artikoli 17 u 18 huma intiżi <u>favur</u> l-akkużat fis-sens li għandu jkun hemm temperament fil-piena, għax kieku tista' tiġi imposta piena esaġġerata. Illi għall-grazzja ta' l-argument, jekk il-qorti sabet għaxar każijiet ta' korruzzjoni, kienet tagħti piena ta' sittin sena. Illi hu biss bl-applikazzjoni ta' l-artikoli 17 u 18 li l-massimu jsir tnax-il sena priġunerija.

Dan l-argument ta' l-Avukat Ġenerali huwa tajjeb, u għalhekk huwa xieraq illi l-appell tiegħu jintlaqa' billi mix-xhieda ħareġ illi tassew illi l-abbuż fuq it-tfal seħħ kemm-il darba matul żmien ta' seba' snin.

Ngħaddu issa biex inqisu l-piena.

A nstab ħati taħt l-art. 203, li jaħseb għal piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha. Instab ukoll, iżda, illi d-delitt kien aggravat taħt il-para. (a) għax sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, u taħt il-para. (ċ) għax sar mill-missier adottiv. Għalhekk il-piena titla' għal dik ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha. Billi wkoll id-delitt seħħ kemm-il darba, il-piena tista' tiżdied bi grad jew żewġ gradi, taħt l-art. 18.

Għalhekk il-piena għandha tkun ta' priġunerija minn ħames snin sa tnax-il sena, bir-reklużjoni jew mingħajrha.

L-ewwel qorti, meta ġiet biex tagħti l-piena, qalet hekk:

Illi huwa veru li l-imputat għandu fedina penali nadifa salv għal kontravvenzjoni waħda reġistrata fis-sena 1963 u għalhekk għandu jiġi trattat bħala *a first time offender*; però dan ma jfissirx li l-qorti għandha turi xi klemenza miegħu, *multo più* meta tqis li r-reati li tagħhom qed issibu ħati huma reati li jkexkxu lis-soċjetà bl-aktar mod sever u

huwa minn dan l-aġir u komportament li l-qorti trid tipproteġi liċ-ċittadini dgħajfa u vulnerabbli ta' din is-soċjetà, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.

… … …

Il-qorti tħoss li għandha tkun severa miegħu fl-applikazzjoni tal-piena tiegħu sabiex tibgħat ukoll messaġġ lis-soċjetà li l-qorti mhux ser taċċetta dawn it-tipi ta' reati u li hija qiegħda hemmhekk sabiex filwaqt li tagħmel ġustizzja ma' l-akkużat tipproteġi wkoll minuri li jiġu abbużati.

Għalhekk tat l-ogħla piena li, bla ma tqis dak li jgħid l-art. 18 tal-Kodiċi Kriminali, setgħet tagħti.

Li d-delitt li tiegħu nstab ħati A huwa wieħed li tassew "ikexkex" lis-soċjetà bl-aktar mod sever, u li huwa meħtieġ illi l-liġi tħares il-vittimi ta' delitti bħal dan biex ma jkunx hemm ripetizzjoni, huwa minnu, iżda ma jfissirx illi bilfors f'kull każ ta' reat bħal dan għandha tingħata l-ogħla piena, għax il-liġi ġà qieset dawn il-fatturi kollha meta stabbiliet kemm il-*maximum* kif ukoll il-*minimum*. Ukoll talli d-delitt kien aggravat għax seħħ mill-missier adottiv fuq tfal ta' taħt l-età ta' tnax-il sena, il-liġi ġà qieset il-gravità ta' dawn iċ-ċirkostanzi meta stabbiliet kemm il-*maximum* kif ukoll il-*minimum* tal-piena għad-delitt aggravat.

Madankollu, meta tqis illi l-abbuż dam sejjer għal seba' snin sħaħ bi ħsara ta' aktar minn persuna waħda, u illi ċ-ċirkostanzi aggravanti kienu aktar minn waħda, din il-qorti taqbel ma' l-ewwel qorti illi l-piena għandha tkun eqreb tal-*maximum* milli tal-*minimum.*

Meta tqis dawn il-fatturi kollha, din il-qorti hija tal-fehma illi piena xierqa tkun dik ta' priġunerija għal għaxar snin.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tiddisponi kemm mill-appell ta' A kif ukoll minn dak ta' l-Avukat Ġenerali:

1. tiċħad l-appell ta' A dwar sejbien ta' ħtija u għalhekk twettaq is-sentenza appellata fejn sabitu ħati ta' korruzzjoni aggravata ta' minorenni taħt l-art. 203(1) (*a*), (*b*) u (*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali, u fejn ma qisitx l-akkuża ta' attentat vjolenti fuq il-pudur taħt l-art. 207 tal-Kodiċi Kriminali;
2. twettaq is-sentenza appellata wkoll fejn ikkundannat lil A jħallas spejjeż ta' erba' mija, erbgħa u erbgħin lira (Lm444), taħt l-art. 533 tal-Kodiċi Kriminali, u fejn ordnat illi l-isem tal-ħati u tal-vittimi, u dawk id-dettalji li jservu

biex jidentifikawhom, ma jiġux pubblikati fuq il-mezzi tax-xandir;

3. tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Ġenerali billi tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li ikkundannat lil A għall-piena ta’ priġunerija għal sitt snin u, minflok, tikkundannah għall-piena ta’ priġunerija għal għaxar snin.

Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta’ din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------